# GIEH U GHAJB

Ta' Karmenu Vassallo *(Malti Safi)*

Ma nafx kinux xebgħana,
ma nafx kinux għajjiena
mill-ħajja żeffiena
fi ħdan għors id-dnub.

Imma kienu daħkana:
kienu qishom ferħana.
fiż-żifna,
bid-difna
tal-marda li tqassar
il-għomor u tħassar
u toqtol il-qlub.

*  *  *

Kemm żifnet u qabżet u daret
u ġġennet u mielet id f'id
mal-boloh li jgħixu bil-frugħa
taż-żena qarrieqi w imqit!

Kemm tbah'rdet u tħajmet u tbewset
u tħaddnet u tgħannqet waqtiet,
u xorbot pjaċiri! Kif sikret
u ntilfet f'sakritha w insiet

lil żewġha ġo art barranija
jitqabad fin-nar u fid-demm;
'l uliedha maqfula bla ħtija
fid-*Dar ta' l-Iltiema Wlied l-Hemm*!

*  *  *

Kull xitla tixrief jew tissaġġar.
Kull bidu jiżżewweġ mat-tmiem.
Kull dalma tinbala' mid-dija.
Kull gwerra tindifen fis-sliem.

Hu tega' darb'oħra fuq artu
bil-għelma fuq sidru tal-ġieħ;
u ġabar 'l uliedu madwaru
u fdiehom mill-għajb u ż-żebliħ.

Tal-mara ħlief l-isem imtebba'
bil-għajb ma kien baqa' ebda ħjiel...
Stagħnew dawk l-ulied u missierhom:
u darhom sfat saltna ta' ġmiel.

* * *

Imkenna fis-sħana ta' darhom
dwar mejda fil-għid tal-Milied,
henjin hemm jisimgħu il-ġrajja
tax-xwejjaħ missierhom l-ulied.

Fil-bìn id ta' xwejħa midinba—
minsija, mistkerrha mill-ħbieb—
bir-rogħda, bil-biża', bla saħħa
tallaba ttektkilhom il-bieb.

Ix-xwejjaħ iqum u jmur jiftaħ...
Hi! tagħrfu mad-daqqa ta' għajn:
Tħoss demmha jiksħilha ġo qalbha:
u taqa' w-itmut qalb it-tajn.

* * *

Min jaf kinetx issa xebgħana
w-għal kollox għajjiena
mill-ħajja żeffiena
fi ħdan għors id-dnub?
Le, ma baqgħetx daħkana;
le, ma baqgħetx ferħana
—bħal darba—
fiż-żifna,
bid-difna
tal-marda li tqassar
il-għomor u tħassar
u toqtol il-qlub.